

Johan Willem Beyen: pjan għal suq komuni



Johan Willem Beyen 1897- 1976

Il-bankier, in-negozjant u l-politiku internazzjonali Johan Willem Beyen kien politiku Olandiż li, bil-‘Pjan Beyen’ tiegħu, ta nifs ġdid lill-proċess ta’ integrazzjoni Ewropea f’nofs is-snin ħamsin.

Beyen huwa wieħed mill-inqas membri magħrufa tal-grupp tal-Missirijiet Fundaturi tal-UE. Dawk il-persuni li kienu jafuh kienu jammirawh għall-kariżma, l-orjentazzjoni internazzjonali u d-diżinvoltura soċjali tiegħu.

Fil-Pajjiżi l-Baxxi, bħala Ministru tal-Affarijiet Barranin, Beyen ta kontribut importanti għall-proċess ta’ unifikazzjoni Ewropea. Huwa kien jirnexxielu jikkonvinċi lill-forzi dubjużi fil-Pajjiżi l-Baxxi, kif ukoll fl-Ewropa sabiex jaċċettaw l-integrazzjoni Ewropea. Il-‘Pjan Beyen’ tiegħu kien proposta għal unjoni doganali u kooperazzjoni ekonomika wiesgħa fi ħdan suq komuni Ewropew. L-essenza ta’ dan ġiet deċiża fit-Trattati ta’ Ruma fl-1957 u sa minn dak iż-żmien baqgħet fil-qalba tal-Unjoni Ewropea.

Żgħożija

Johan Willem (Wim) Beyen tweled fit-2 ta’ Mejju 1897 f’Utrecht fil-Pajjiżi l-Baxxi. Bħala tifel ta’ familja sinjura, kellu tfulija mingħajr inkwiet, gawda minn edukazzjoni internazzjonali b’enfasi fuq il-letteratura u l-mużika. Huwa beda l-karriera tiegħu fis-settur tal-finanzi nazzjonali u internazzjonali wara li ggradwa fil-liġi mill-Università ta’ Utrecht fl-1918. L-ewwel inkarigu tiegħu kien fil-Ministeru tal-Finanzi tal-Pajjiżi l-Baxxi, iżda fl-1924 daħal fid-dinja korporattiva u bankarja. Eventwalment, laħaq President tal-Bank għar-Riżoluzzjonijiet Internazzjonali u d-Direttur tal-kumpanija Ingliża-Olandiża tal-prodotti għall-konsumaturi Unilever.

It-Tieni Gwerra Dinjija

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, Beyen ħadem f’eżilju f’Londra, filwaqt li l-pajjiż ta’ oriġni tiegħu kien okkupat mill-Ġermanja Nażista. Fl-1944 huwa kellu rwol importanti fil-Konferenza Bretton Woods

fejn twittiet it-triq għal struttura finanzjarja internazzjonali ta’ wara l-gwerra. Mill-1946, huwa rrappreżenta lill-Pajjiżi l-Baxxi fuq il-bord tal-Bank Dinji u mill-1948 kellu l-istess rwol fil-Fond Monetarju Internazzjonali.

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Beyen kien Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi l-Baxxi matul is-snin ta’ rikostruzzjoni ta’ wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Matul il-gwerra, Beyen sar konvint li kien hemm bżonn ta’ kooperazzjoni ekonomika u reġjonali sħiħa sabiex jiġi evitat milli jerġa’ jkun hemm dik it-tip ta’ kriżi finanzjarja li dehret fis-snin tletin. Il-mexxejja Ewropej kollha ta’ wara l-gwerra bdew jintebħu li l-orruri tal-gwerra u l-kriżijiet ekonomiċi setgħu jiġu meġhluca biss permezz ta’ kooperazzjoni internazzjonali. Filwaqt li ċerti inizjattivi tefgħu l-attenzjoni tagħhom fuq il-kisba ta’ din il-kooperazzjoni

fuq skala globali, Beyen kien jemma li setgħu jsiru kisbiet ikbar permezz ta' kooperazzjoni reġjonali. L-ewwel passi lejn kooperazzjoni ekonomika saru fl-1948 bil-Pjan Marshall – il-pakkett ta' għajnuna enormi mill-Amerika lill-Ewropa li kien jeħtieġ li l-pajjiżi Ewropej jikkoordinaw il-kwistjonijiet ekonomiċi fl-OECD. Wara d-Dikjarazzjoni ta' Schuman tad-9 ta' Mejju 1950, fl-1952 inħolqot il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar bil-għan li jkun impossibbli li ssir xi guerra oħra fl-Ewropa.



Beyen fil-Konferenza ta' Messina, fejn introduċa l-pjan tiegħu għal kooperazzjoni ekonomika fl-Ewropa.

Il-Pjan Beyen

Madankollu, Beyen ra l-possibbiltà ta' kooperazzjoni saħansitra ikbar bejn in-nazzjonijiet Ewropej. Huwa ntebaħ li integrazzjoni politika f'dak iż-żmien kienet tkun diffiċli biex tinkiseb u nneixliu jikkonvinċi lill-kollegi nazzjonali u internazzjonali tiegħu li kien hemm lok għal progress ikbar permezz ta' kooperazzjoni ekonomika ikbar, hekk kif kien jemma li l-pass ta' wara kien jikkonsisti fl-unifikazzjoni politika. B'dan f'moħħu, fassal il-Pjan Beyen. Bl-esperjenza tiegħu fil-finanzi u l-qasam bankarju internazzjonali,

kien jaf li l-problemi bħall-ostakli għall-kummerċ u l-qgħad ma kinux sejrjn jiġu solvuti malajr fil-livell nazzjonali u kienu jeħtieġu approċċ iktar internazzjonali. Anki jekk kien hemm dubji u anki xi oppożizzjoni diretta fi ħdan il-gvern Olandiż, huwa nneixliu jmexxi l-pjan 'il quddiem kemm matul in-negożjati dwar il-Komunità Ewropea għad-Difiża kif ukoll matul id-diskuzzjonijiet dwar il-Komunità Politika Ewropea kmieni fis-snin ħamsin.

Suq komuni

Fil-bidu, ma tantx ingħata appoġġ, speċjalment hekk kif il-gvern Franċiż ta' dak iż-żmien ma kienx interessat f'integrazzjoni ekonomika ikbar. Madankollu, meta l-Komunità Ewropea għad-Difiża ppjanata falliet għaliex il-parlament Franċiż iddeċieda li ma jirratifikax it-trattat, is-sitwazzjoni nbidlet. Peress li la kien se jkun hemm il-komunità għad-difiża ppjanata u lanqas komunità politika, feġġ intopp. Dan reġa' poġġa l-pjan ta' Beyen fil-qalba tas-sitwazzjoni. Il-pjan kien idur mal-kunċett li kienet meħtieġa kooperazzjoni ekonomika sħiħa, mhux biss fil-qasam tal-faħam u l-azzar, iżda b'mod globali. Għaldaqstant, is-soluzzjoni kienet tinsab f'suq komuni għal kollox, li jsegwi l-kooperazzjoni bejn il-Belġju, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Lussemburgu maħluqa fil-ftehim 'Benelux' fl-1944. Il-pajjiżi tal-Benelux, taħt it-tmexxija tal-Ministru Belġjan Paul-Henri Spaak, għaqqdu l-ideat ta' Beyen ma' pjan Franċiż għal Komunità għall-Enerġija Atomika u pprovdew lil Beyen bl-opportunità li jiddeskrivi l-pjanijiet tiegħu matul il-Konferenza ta' Messina fl-1955. Huwa spjega li ma setgħetx titnissel l-unità politika mingħajr suq komuni b'ċerta responsabbiltà komuni għall-politika ekonomika u soċjali u awtorità supranazzjonali. Id-diskors tiegħu kien jidwi l-fehmiet tal-parteċipanti l-oħrajn li ħadu sehem fil-Konferenza. Dan wassal sabiex sitt pajjiżi jiffirmaw it-Trattati ta' Ruma f'Marzu 1957 u biex jinħolqu l-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Euratom.

F'dawn l-aħħar snin, ir-rwol ta' Beyen spiss ma ngħatax l-importanza mistħoqqa, iżda l-ħidma tiegħu kkontribwixxiet għall-proċess ta' integrazzjoni Ewropea fis-snin ħamsin u tagħti post fost il-personalitajiet prominenti li llum insejħulhom il-Missirijiet Fundaturi tal-Unjoni Ewropea. Huwa se jibqa' mfakkar bħala l-individwu li ta impetu għid lill-proġett Ewropew meta dan tant kien meħtieġ.